MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 394/2001/1

**Imelda Khalil**

**vs**

**Ashraf Khalil**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 9 ta' Marzu 2001 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru tas-sena elf, disa' mija u tnejn u disghin (1992) gie iccelebrat iz-zwieg bejn l-attrici u l-konvenut fir-Registru taz-Zwieg f'Malta, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Illi minn dan iz-zwieg kellhom tifla unika Kyra Khalil li twieldet fil-hamsa (5) ta' Gunju tas-sena elf, disa' mija u tlieta u disghin (1993);

Illi dan iz-zwieg huwa null peress li l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat minhabba diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fqu il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

Illi wkoll li dan iz-zwieg huwa null minhabba li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi wkoll il-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew iktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew id-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi wkoll li l-kunsens tal-konvenut kien simulat u z-zwieg kien wiehed ta' konvenjenza, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Illi ghalhekk, dan iz-zwieg huwa null u bla ebda effett skond il-ligi, b'mod partikolari *a tenur* tas-subincizi **(d) u (f) tas-subartikolu wiehed (1) tal-artikolu dsatax (19) tal-Att dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa' mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta)** kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fir-Registru taz-Zwiegijiet ta' Malta, fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru 1992 huwa null u bla effett u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relativ;

2. Taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra skond il-Ligi li jirrigwardaw il-minuri Kyra Khalil *a tenur* tal-**artikolu**

**20 tal-istess Att,** inkluz likwidazzjoni ta' manteniment pagabbli mill-konvenut ghaliha;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici w il-lista tax-xhieda minn fol. 3 sa fol 4 tal-process.

Rat in-nota tal-attrici, datata 11 ta' Mejju 2001, a fol 9 tal-process fej esebiet ic-certifikat taz-zwieg

Rat il-verbal datat 25 ta' Settembru 2001 quddiem din l-Onorabbli Qorti presjeduta mill-Onorevoi Imhallef Noel Arrigo, fejn il-konvenut ta ruhhu b'notifikat bl-avviz tas-smiegh u citazzjoni u nghata kopja *seduta stante*. Huwa kellu jaghmel l-eccezzjonijiet fi zmien ghoxrin (20) gurnata mid-data tal-verbal.

Rat il-verbal datat 22 ta' Novembru 2001 quddiem din il-Qorti hekk diversament presjeduta, fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Edwina Grima biex tigbor il-provi u tirrelta.

Rat l-avviz tal-Qorti hekk diversament presjeduta datat 17 ta' April 2002, fejn din il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta ghat-Tlieta 22 ta' Ottubru 2002.

Rat il-verbal hekk kif illum presjeduta datat 22 ta' Ottubru 2002, fejn il-Qorti ordnat lill-Perit Legali Dr. Edwina Grima biex tiffissa zewg seduti ghall-konkluzjoni tal-provi, wara l-Perit Legali ghandha tirrelta.

Rat in-nota tal-attrici datata 22 ta' Ottubru 2002, a fol 15, li permezz taghha esibit l-affidavit taghha u tal-habiba taghha Maryanne Storace.

Rat il-verbal tas-7 ta' Jannar 2003, fejn il-Qorti kkonfermat d-digriet taghha tat-22 ta' Ottubru 2002.

Rat is-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Edwina Grima, minn fol 24 sa fol 30.

Rat il-verbal datat 10 ta' April 2003.

Rat il-verbal datat 5 ta' Gunju 2003, fejn il-Perit Legali Dr. Edwina Grima halfet ir-rapport.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Edwina Grima minn fol 34 sa fol 52 mahluf fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2003.

Rat il-verbal datat 28 ta' Ottubru 2003, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2004.

Rat li l-konvenut *nonostante* li notifikat ma pprezenta l-ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-**attrici** tixhed u tghid illi hija zzewget lill-konvenut fl-24 ta' Novembru 1992. Kienet iltaqghet mieghu f'Settembru 1992 u cioe' xahrejn qabel. Huwa kien qalilha li kien ser isiefer lejn l-Italja u hi ma reditx titilfu u kien ghalhekk illi hija issuggeriet li kellhom jizzewgu. Meta izzewgu hija kellha tmintax-il (18) sena u l-konvenut kellu sitta u ghoxrin (26) sena. Il-konvenut huwa ta' nazzjonalita' Egizzjana u f'dak iz-zmien ma kellux l-*visa* biex jibqa' Malta.

Illi l-attrici kienet iltaqghet mal-konvenut gewwa Paceville. Il-konvenut ma kienx gharrafha kemm kien ilu Malta qabel ma iltaqghu, izda kien qalilha li kellu jitlaq minn Malta. Wara saret taf illi fil-fatt huwa ma kienx telaq. L-attrici

tghid illi hija mal-ewwel hadet grazzja mieghu u l-konvenut kien zieghel hafna biha tant illi huma mal-ewwel kellhom relazzjonijiet intimi u wara ftit indunat li kienet harget tqila. F’dan iz-zmien huwa kien diga’ beda ikellimha dwar zwieg u ghalhekk peress illi kienet harget tqila ma irrifjutatx. Fil-fatt hija tghid illi l-konvenut kien diga’ ppoponielha z-zwieg qabel ma harget tqila u meta qaltlu li kienet tqila rega’ kkonferma x-xewqa tieghu. Kien ukoll qalilha li kellu impieg, izda wara iz-zwieg hija irrealizzat illi kien dizokkupat.

Illi l-attrici kienet tghix ma’ ommha u kienet zammet it-tqala’ mistura minnha peress illi kienet taf li tinkwieta ruhha hafna u kienet tbati mill-asthma. Kienet taf illi ommha ma kinitx ser taccetta lill-konvenut izda hija dak iz-zmien kienet immatura u mignuna warajh. Il-konvenut fil-fatt kien accetta li jizzewweg ghalkemm kien jaf illi hija kienet qed izzomm kollox mistur mill-familja taghha. Kien ighidilha illi 0qed ighix fil-biza illi jekk isibuh il-pulizija, kienu jiddeportawh. Kien ukoll minhabba f’dan illi hija riedet tizzewgu ghaliex bezghet li titilfu.

Illi kien ghalhekk illi l-attrici zzewget minghajr ma qalet lil hadd mill-familja taghha u lil hbiebha hlief ghal bniedem wiehed Conrad Catania li kien qaghdilha xhud. Wara li izzewgu, hija marret tghix ghand ommha u l-konvenut mar jabita fl-apparatment li kien qed jikri f’Paceville, ma’ habib iehor. Hija tghid illi qabel iz-zwieg qatt ma kienu tkellmu dwar kif ser ighixu u izommu l-familja. Ma kienu ghamlu l-ebda pjan ghall-hajja mizzewga.

Illi t-tifla taghhom Kyra twieldet fit-12 ta’ Gunju 1993. Fl-isptar hija kienet zammet kunjom xbubitha biex ma turiex lil ommha li kienet izzewget. Sa dan iz-zmien ommha kienet taht l-impressjoni illi l-konvenut kien biss l-*boyfriend* taghha u ma kinitx taf li kienu izzewgu. Kienet accettatu bhala *boyfriend* meta saret taf li hija kienet tqila u kienet anke’ stednitu biex imur ighix maghhom sakemm titwieled it-tarbija.

Illi madwar sena wara iz-zwieg kellhom argument kbir u l-ġenituri taghha rieduha titilqu lill-konvenut. Hawnhekk l-

attrici qalet lill-genituri taghha li kienu mizzewgin u missierha mal-ewwel gab l-avukat tieghu sabiex jipprocedi ghall-annullament. Fil-laqgha mal-avukat il-konvenut beda ighid hafna kliem kontra taghha u stqarr li ma kienx ihobbha. Sussegwentement missierha tah attakk tal-qalb u ghalhekk ma kinitx ipprocediet ghall-annullament. Il-konvenut baqa' ighix maghha fid-dar ta' ommha izda ir-relazzjonijiet ta' bejniethom kienu berdin.

Illi l-attrici tghid illi wara z-zwieg l-konvenut kien applika ghac-cittadinanza Maltija. Kien sab xi impieg izda ma irnexxielux izomm impieg regolari. Sussegwentement kien siefer lejn l-Istati Uniti u irritorna wara xahar. Dan kien fl-1995, meta it-tifla kellha sentejn. Hawnhekk huma kellhom argument iehor u qaltlu biex jitlaq mid-dar u hu hekk ghamel minghajr ma hasibha darbtejn. Kienet hi li regghet ghamlet kuntatt mieghu u iddecidew li jikru appartament gewwa Bugibba. Hekk ghamlu f'April 1996. Hawnhekk damu madwar erba' xhur u dana peress illi xorta wahda baqghu jiggieldu u hu kien ihallieha kuljum wahedha bil-lejl. Kien jorqod matul il-gurnata u johrog bil-lejl. Ma kienx ighidliha fejn kien imur. Gieli kienet issib tracci ta' fwejjah u make-up ta' nisa fuq hwejgu u darba kienet anke' sabitlu kartolina bil-kliem "we should get together" izda huwa kien jichad li qed jiffrekwenta lin-nisa u hi kienet tippreferi ma temminx dawn l-affarijiet fuqu. Wara erba' xhur hija ma setghetx tissaporti iktar u telqghet minn Bugibba u marret lura ghand ommha.

Illi fis-16 ta' Novembru 1996, ommha kienet xtrat post Hal-Qormi u dana peress illi ghat-tifla, hija xtaqet li huma jirrangaw l-affarijiet ta' bejniethom, izda l-konvenut ma wera l-ebda interess sabiex jirrangah u ghalhekk baqa' mhux abitabbli. Ghalhekk huma baqghu ighixu separatament u wara ftit taz-zmien saret taf minn ghand il-hbieb, li rawh fil-kumpanija ta' mara ohra. Regghet semghet minnu f'Awissu 1998 meta cemplilha u gharrafha li kien qieghed ighix gewwa l-Istati Uniti. Saret taf li rega' gie Malta fi Frar 2001. Dan l-ahhar huwa rega' gie Malta, izda huma baqghu separati.

Illi l-attrici pproduciet bhala xhud lil **Maryanne Storace**, habiba taghha. Hija tghid illi ilha taf lill-attrici ghal dawn l-ahhar tnax-il (12) sena. Taf illi l-attrici ltaqghet mal-konvenut madwar xahrejn qabel iz-zwieg u ghalkemm kienu hbieb sew, hija ma qaltilhiex li kienet izzewget. Kienet zammet kollox mistur minn kulhadd, inkluza ommha. Kienet qaltilha li zzewget madwar tlett xhur wara ghalkemm damet izjed sakemm sabet il-kuargg biex tghid lil ommha. Ir-reazzjoni taghha meta qaltilha li kienet tqila, kienet illi staqsietha jekk kinitx tqila u l-attrici kienet ikkonfermatilha dan il-fatt.

Illi x-xhud tghid illi f'dak iz-zmien l-attrici kienet immatura u mohh ir-rih u zgur li ma kinitx ippreparata sabiex tidhol ghaz-zwieg. Hija rat lill-konvenut l-ewwel darba meta l-kontendenti kienu diga' qeghdin johorgu flimkien. Il-konvenut kien qal lill-attrici li kien ser isiefer lejn l-Italja, izda dan fir-realta' ma kienx minnu.

Illi hija tghid illi l-konvenut ma kellux il-*freedom of movement* u Imelda kienet inkwetata hafna minhabba f'dan il-fatt. Kienet iggennet warajh u ghalhekk bdiet tibza' li ser titilfu jekk huwa jitkecca minn Malta. Min-naha tieghu l-konvenut kien igieghla tinkwieta dwar dan u kien jigbed is-simpatija taghha. Il-konvenut ma kellux impieg u meta kienu johorgu flimkien huwa qatt ma kienx johrog flus mill-but u kienet thallas kollox Imelda ghalih. Ghalhekk hija kienet ippruvat twissi lill-attrici ghaliex irrealizzat illi hu ma kienx qed jehodha bis-serjeta u li l-attrici ma kinitx taf ghal x' hiex kienet diehla. Taf illi l-attrici kienet qed tinkwieta hafna mir-reazzjoni tal-genituri taghha meta isiru jafu li harrget tqila. Din it-tqala' kienet iktar hawdietha fiz-zmien meta dahhlet ghaz-zwieg.

Illi tghid illi ghalkemm il-konvenut kien wieghed lil habiba taghha illi huwa kien ser isib impieg u kien ser imantniha, izda fil-fatt huwa qatt ma assuma ir-responsabbiltajiet tal-hajja mizzewwga u malli ommha saret taf li bintha kienet tqila, kienet dahlithom gewwa darha u ghenithom hi. Tghid illi ghalkemm Imelda kienet mizzewga hija dejjem tafha wahedha ghaliex l-konvenut kien ihallieha wahedha bit-tarbija sa tard fil-ghaxija u ma kienx japprezza il-

bzonnijiet taghha. Huwa kien ihobb ifittex il-kumpanija w il-hrug. Meta sab impieg kien dam biss ftit granet. Kien isib kull skuza biex ma jahdimx u kien jistrieh fuq omm l-attrici.

Illi x-xhud tghid illi l-kontendenti ma damux wisq flimkien u taf illi madwar sena wara iz-zwieg missier l-attrici kien gab avukat sabiex jiddiskutu l-annullament. Izda l-attrici kienet suxxettibbli hafna ghal dak li kien ighidlha zewgha u kien idawwarha kif irid hu. Fil-fatt b'xi mod huwa kien rega' ipperswadieha biex iddahhlu fid-dar, izda ma kien biddel xejn mill-atteggament tieghu. Kien sahansitra fittex il-kumpanija ta' mara ohra u hija kienet marret mal-attrici sabiex tikkonfronta lil din il-mara. Din il-mara kienet mizzewga u kienet krietlu hanut gewwa il-Gzira, it-Taormina Bar. Meta marru jsibuh f'dan il-post, tghid illi Imelda u l-konvenut kien tlewmu sew u hu kien ammetta li kellu mara ohra. Hawnhekk Imelda kienet gharrfitu li kienet ser tibda bil-proceduri l-Qorti.

Illi l-uniku xhud li xehed *viva voce* kien **Stephen Falzon**, rappresentant tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u *Expatriates.* Ix-xhud xehed mir-records tal-ufficju u jghid illi l-kontendenti izzewgu fl-24 ta' Novembru 1992. Fit-28 ta' Jannar 1993, huma kien marru l-ufficcju taghhom u ghamlu *enquiry* dwar il-posizzjoni tal-konvenut mill-aspett ta' emigrazzjoni f'Malta. Fl-14 ta'April 1993 kienu infurmaw lill-attrici li r-ragel taghha seta' joqghod Malta u jahdem. Fis-7 ta' Settembru 1993, l-konvenut applika ghac-cittadinanza Maltija u l-applikazzjoni tieghu giet riferuta lill-pulizija fit-30 ta' Settembru 1993. B'ittra datata 16 ta' Dicembru 1993, il-pulizija nfurmawhom li ma kellhom l-ebda oggezzjoni biex il-konvenut jinghata c-cittadinanza Maltija. Fil-fatt inghatatlu fil-21 ta' Jannar 1994.

## ii) PRINCIPJI LEGALI.

Illi mill-premessi tac-citazzjoni jirrizulta li l-attrici qieghda tibbaza it-talba taghha ghall-annullament taz-zwieg iccelebrat bejnha u bejn l-konvenut fl-24 ta' Novembru 1992 fuq dak dispost fl-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-**

**Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u ghalhekk il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina l-kuncetti legali ta' dawn l-artikoli tal-ligi fid-dawl tal-provi prodotti.

**<u>(a) L-artikolu 19(1) (d):</u>**

Illi zwieg ikun null, taht din id-disposizzjoni tal-ligi:

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u id-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg."*

Illi minn gurisprudenza kostanti tal-qrati taghna jidher car illi l-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratti in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa kuntratt *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu l-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi ir-rabta taz-zwieg. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma ikunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li igib mieghu iz-zwieg, allura jinholoq dubbju kemm dak il-kuntratt huwa wiehed validu:

"*Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus … richiede una capacita' intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e' per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita' di mente e di liberta' dato che si tratta di assumersi una servitus per tutta la vita*" (**Forum 1990**. Vol.I. part 1, pg.72).

Illi l-kuncett tad-*discretio iudicii* ma jirrikjediex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi iz-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe' ghall-obbligi u id-drittijiet konjugali kemm fil-present kif ukoll fil-futur. *Inoltre* l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita affettiva u cioe' dak kollu li ghandu x'jaqsam mal-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod

nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mil-ligi.

Illi f'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **"Louise Vella xebba Calleja vs Louis Vella"**, deciza fis-27 ta' Novembru 2002 ((RCP) Cit.Nru. 1822/01RCP) gie deciz is-segwenti:

*"Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. … Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirttura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. "*

Illi fl-istess sentenza inghad li:

*"Illi ghalhekk biex ikun hemm nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19 (1) (d)** irid ikun hemm l-inkapacita psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali."*

Ili ssir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **"Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri"** deciza fl-4 ta' Novembru 1994 fejn il-Qorti studjat fil-fond il-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju. Fil-fatt fi kwotazzjoni twila tal-**Pompedda** l-Qorti sostniet:-

"*In ogni caso i nubenti debbono avere conoscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale sia nei rigwardi dell'altra parte sia nei rigwardi della prole*."

Illi l-istess sentenza tidhol fil-fond f'dak li jghid ***Bersini*** fuq il-livell tad-diskrezzjoni tal-gudizzju rikjest biex jinghata kunsens matrimonjali validu:-

"*La discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva … La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, dell'emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore … Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e' il matrimonio, e' necessaria la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro*."

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** (deciza 14 ta' Awissu 1995), gie osservat is-segwenti:

"*It seems that discretion of judgment or maturity of judgment can be lacking if any one of the following three conditions or hypothesis is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair that is a critical reflection apt for the nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will freedom (autonomia) from all force from within*."

Illi s-**subiniciz (1) (d)** jaghti bazi ohra ghan-nullita taz-zwieg minhabba vizzju tal-kunsens. L-anomalija psikologika trid tkun wahda serja li taghmilha impossibbli

ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Kif gie ritenut fis-sentenza hawn fuq citata:-

"*Inkapacita jew impossibilita vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-presenza ta' anomalija psikologika serja indipendentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jikklassifikaha fil-kamp psikjatriku jew ta' psikologija tintakka sostanzjalment il-kapacita' di intendere e/o di volere".*

Illi fis-sentenza hawn fuq citata, **"Louise Vella vs Louis Vella"**, fil-fatt il-Qorti tistqarr:-

*"Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad dritt kanoniku (Can.1095(3)), tirrikjedi mhux semplici diffikulta', izda impossibilita li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg."*

Illi finalment jinghad li ghalkemm il-**Kapitolu 255** ma taghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif stqarret il-Qorti fis-sentenza hawn fuq citata dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cioe' dik l-unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli, diretta ghall-komunjoni ta' hajja u prokreazzjoni w it-trobbija tal-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma ikollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk ikkreat ma jistax ikun wiehed validu. Illi f'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Jannar 2000 fl-ismijiet **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et.noe"**. (Cit.Nru. 2443/97RCP) gie deciz:

*"Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-Kap.255, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta Maltija dejjem u invarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma 'the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of*

*the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseperable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characterisitics.'* ***(Viladrich, P.J****. Op.Cit., p.687)".*

**(b) L-artikolu 19(1) (f).**

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga."*

Illi hawnhekk il-ligi qieghda titkellem fuq is-simulazzjoni kemm dik totali kif ukoll dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Il-kunsens huwa il-qofol ta' kwalunkwe ftehim jew kuntratt, specjalment il-kuntratt taz-zwieg. Wiehed jista' ighid illi z-zwieg jibda jezisti hekk kif il-partijiet jimmanifestaw il-kunsens taghhom. L-awtur ***F. Anzar Gil*** fil-ktieb tieghu **"El Nuevo derecho matrimonial canonico"** jaghti definizzjoni l-aktar approprjata tal-kunsens u specifikatament dak matrimonjali:-

*"Nel senso guridico ampio viene chiamato consenso l'incontro di diverse volonta in ordine allo stesso obbligo. Riferito alla celebrazione del matrimonio, il consenso puo' essere descritto come l'incontro della volonta' di un uomo e di una donna in ordine alla cotituzione dello stato coniugale."*

Illi ghalhekk jekk dak il-kunsens ikun b'xi mod simulat allura dak ma jibqax wiehed validu. Izda meta nistghu nghidu illi l-kunsens ikun gie stimulat? Jekk il-kunsens intern ta' persuna ma jkunx jaqbel mas-sinjali jew gesti esterni tal-istess, jew jekk dak illi persuna tkun qed tfisser

bil-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li qed tahseb jew trid internament, allura huwa ovvju illi dik l-azzjoni umana hija wahda simulata.

*"Simula quindi o finge la celebrazione del matrimonio colui che esternamente manifesta la propria volonta' di celebrarlo, mentre in realta' nell'interno della sua volonta non vuole la celebrazione del medesimo. Per la esistenza dunque della simulazione in senso proprio e' necessaria la divergenza cosciente e volontaria tra la manifestazione esterna del consenso matrimoniale e quello che si vuole nell'interno della volonta."* (***J.F.Castano*** **– Il Sacramento Del Matrimonio).**

Il-ligi fl-**artikolu 19 (1) (f)** taghmel distinzjoni bejn is-simulazzjoni totali u dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Tezisti simulazzjoni totali meta persuna teskludi iz-zwieg fit-totalita' tieghu bhala ftehim bejn ragel u mara fejn jistabilixxu unjoni ghal hajjtihom kollha bl-elementi kollha li tistabilixxi l-ligi ghal kuntratt matrimonjali. Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi necessarji rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija tal-ulied, jew l-eskluzjoni tal-obbligu tal-fedelta' lejn il-parti l-ohra.

Illi ghalhekk biex wiehed jinvestiga l-validita' o meno tal-kunsens matrimonjali fil-kuntest tas-simulazzjoni, huwa necessarju illi l-volonta tal-persuna li tkun tat dak il-kunsens tigi investigata. Il-ligi tistabbilixxi illi biex il-kunsens ikun gie simulat ma huwiex bizzejjed illi jkun hemm l-assenza tal-volonta ghaz-zwieg, izda irid bil-fors ikun hemm l-eskluzjoni posittiva. Dan ifisser illi l-persuna li tkun qed taghti il-kunsens tissimula dak il-kunsens meta ikollha l-volonta w ix-xewqa li teskludi z-zwieg. Ma huwiex necessarju illi tali eskluzjoni tigi manifestata esplicitament, izda jista' jkun illi mic-cirkostanzi kollha li isegwu tal-hajja matrimonjali jkun car illi l-kunsens matrimonjali ikun gie simulat.

*"L'atto positivo della volonta non si identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta*

*puo' essere emesso anche con intenzione implicita, vale a dire* *__mediante il modo di comportarsi__* *del soggetto che esclude, o mediante l'insieme delle circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta, oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi.* (***O.Giacchi*** – **Il consenso matrimoniale canonico).**

Illi dan is-**subartikolu** wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Marzu 2000 (P.A. (RCP) Cit.Nru.1019/98RCP) u l-Qorti qieghda taghmel ghalhekk ampja referenza ghall-principji legali enunzjati fl-istess.

Illi '*noltre* f'sentenza fl-ismijiet **"Louise Vella xebba Calleja vs Louis Vella"** deciza fis-27 ta' Novembru 2002 (P.A./ (RCP) Cit.Nru. 1822/01RCP), il-Qorti stqarret is-segwenti u dana b'referenza ghal sentenza ohra fl-ismijiet **"Theresa Taguri vs Avukat Christopher Cilia et nomine"**:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qrati taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perijodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens."*

Illi f'dan is-sens wiehed jirreferi wkoll ghad-decizjonijiet **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** – (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine"** – (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000; **"Carmen El Shimi vs Ibrahim El Shimi"** - (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000 u **"Albert Grech vs Josette Grech"** – (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002) fost ohrajn.

## iii) __APPREZZAMENT TAL-PROVI.__

Illi maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti issa sejra tghaddi biex tezamina din id-disposizzjoni tal-ligi fid-dawl tal-provi prodotti.

Illi mill-provi johrog car illi l-kontendenti izzewgu wara biss tlett xhur li kienu ilhom jafu lil xulxin. L-attrici kellha biss tmintax-il (18) sena u l-konvenut kellu sitta u ghoxrin (26) sena u kien ta' nazzjonalita' Eggizjana. Jidher illi kien hemm zewg konsiderazzjonijiet li wasslu lill-partijiet sabiex jiehdu din id-decizjoni u cioe' l-fatt illi l-konvenut ma kellux il-permessi necessarji sabiex jibqa' Malta kif ukoll il-fatt illi l-attrici kienet wara ftit harget tqila mill-konvenut. Preparazzjoni ghal hajja mizzewga flimkien ma kienx hemm u jidher illi l-ebda pjanijiet ma kienu saru f'dan ir-rigward. Lanqas jidher illi l-partijiet kienu biss tkellmu dwar il-hajja mizzewga futura taghhom. L-attrici kienet infatwata wara l-konvenut li min-naha tieghu ghamel profitt mis-sentimenti taghha lejh sabiex jakkwista dak illi kellu bzonn.
Il-konvenut jidher illi huwa sfruttatur li kapaci juza s-sitwazzjonijiet tal-hajja ghall-vantagg tieghu personali. Ma kellu l-ebda nteress li jahdem u jistinka ghall-familja u lanqas li jiehu hsiebha. Kien kuntent ighix minn fuq dahar il-genituri tal-attrici u meta ftit zmien wara z-zwieg inqala' l-inkwiet bejn il-partijiet, tant illi l-attrici kienet diga' bdiet tikkontempla l-annullament, l-uniku raguni 'il ghala l-konvenut ma xtaqx jiehu dan il-pass kien biss biex jibqa' ighix fid-dar ta' omm l-attrici u jistrieh kompletament fuqha.

Illi jidher illi l-konvenut kien iktar interess biex ighix hajja ta' xalar milli li jerfa' r-responsabbiltajiet tal-hajja mizzewga. Fil-fatt ftit wara z-zwieg huwa beda johrog fil-ghaxijiet u jidhol lura d-dar kmieni fil-ghodu, meta mbaghad kien iqatta' l-gurnata rieqed.

Illi dan kollu jwassal lil Qorti ghal konvinciment illi l-konvenut ma kellux dik il-maturita' affettiva u ta' gudizzju necessarji sabiex huwa jintrabat fil-kuntratt taz-zwieg. Illi huwa ma kienx irrifletta fuq dan il-pass u li lanqas kellu l-interess fuq kollox li jaghmel dan. Dan kollu jidher car mill-fatt illi huwa fl-ebda mument ma ghex il-hajja

mizzewga mal-attrici. Il-kunsens matrimonjali tieghu nghata minghajr huwa ma kien kapaci jifhem u jirrifletti fuq dak li kien diehel ghalih. Illi ghalhekk l-Qorti tikkonkludi illi l-konvenut ma kellux dik id-diskrezzjoni tal-gudizzju necessarja sabiex huwa jaghti kunsens matrimonjali validu.

Illi din il-Qorti thoss li wkoll l-attrici kienet affetta b'nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u dan peress li tant kienet infattwata bil-konvenut u kienet lesta li taghmel kollox ghalih ghalkemm kien ovvjament qed juzaha f'kollox; izda l-biza taghha li l-istess konvenut ma jibqax Malta u wkoll il-fatt li hija kienet tqila wasluha sabiex tiehu d-decizjoni li tizzewweg, minkejja li ma' kellha xejn ippreparat u ma' kienet qalet xejn lill-genituri taghha.

Illi kif qalet sew l-istess perit legali, sfortunatament fis-socjeta' Maltija, f'dawn l-ahhar snin it-tip ta' zwigijiet bhal dak in ezami huwa fenomenu li qieghed jizdied tant illi recentement anke' l-legislatur haseb biex jipprovdi tip ta' sanzjoni ghal dawn l-hekk imsejha zwigijiet ta' konvenjenza, fejn nies barranin kienu qeghdin jidhlu ghal zwigijiet ma' Maltin sabiex jassiguraw permess biex jirrisjedu u jahdmu f'pajjizna. Illum l-ebda persuna li ma tkunx ilha minn tal-inqas mizzewwga ma' persuna Maltija ghal hames snin shah, ma tista' tikseb ic-cittadinanza Maltija. Illi jidher pero' li dan xorta wahda ma kienx ta' ostakolu ghal diversi zwigijet ohra ta' konvenjenza.

Illi l-attrici, sfortunatament ghaliha waqghet f'din in-nasba bhalma waqghu bosta nisa Maltin li wara inqas minn sena zwieg jispiccaw quddiem dawn il-qrati sabiex jiksbu annullament wara li jirrealizzaw illi gew ingannati minn dawn in-nies barranin illi jkunu simulaw il-kunsens matrimonjali sabiex jottjenu il-permess necessarju sabiex jibqghu Malta. Illi mix-xhieda ta' Stephen Falzon, rappresentant tal-Ufficcju tac-Cittadinaza, jidher illi l-konvenut irnexxielu jottjeni ic-cittadinanza Maltija wara sena miz-zwieg tieghu mal-attrici.

Illi kif diga' gie sottollinjat iktar 'il fuq, jidher illi l-konvenut kien mill-bidunett jppjana dak li kien ser jaghmel sabiex jikseb dak illi kellu bzonn. Jidher illi wara ftit illi kien ilu johrog mal-attrici huwa mal-ewwel beda ikellimha fuq zwieg. X'aktarx illi huwa kien induna illi l-attrici kienet iggennet ghal warajh u anke' kien gidbilha meta qalilha li kellu isiefer lejn l-Italja. Din kienet il-prova sabiex jara jekk l-attrici verament riditx illi huwa jibqa' maghha. Peress illi kien ghadda ftit wisq taz-zmien minn meta kienu iltaqghu, allura l-pass li kien imiss kien illi johrog lill-attrici tqila sabiex b'hekk hija mal-ewwel accettat li tizzewgu minhabba f'dan il-fatt. Iz-zwieg sehh tlett xhur biss wara li huma kienu iltaqghu. L-attrici kienet ghadha zghira w immatura u ghalhekk kien facli ghall-konvenut illi jwaqqaghha fin-nasba tieghu, kif fil-fatt sar.

Illi wara z-zwieg huwa mar ighix ghand omm l-attrici u b'hekk spicca wkoll jisfrutta lill-genituri tal-attrici ghaliex kien ighix minn fuq daharhom u minflok johrog jahdem kien iqatta' granet shah ma jaghmel xejn u tiehu hsieb kollox omm l-attrici. Beda johrog wahdu fil-ghaxija u jiddeverti. Jidher illi bejn il-kontendenti hajja matrimonjali qatt ma kien hemm. Fl-ewwel perijodu wara z-zwieg huma kienu ighixu separati, imbaghad meta omm l-attrici saret taf illi bintha kienet tqila, hija kienet laqghat lill-konvenut gewwa daharha. Jidher illi hekk kif il-konvenut ottjena c-cittadinanza Maltija u cioe' madwar sena wara iz-zwieg, bdew il-problemi bejn il-kontendenti tant illi l-konvenut sahansitra spicca biex qal lill-attrici li ma kienx ihobbha u hawnhekk l-attrici anke' bdiet tikkonsidra l-annullament. Izda hija ppruvat ma tkissirx iz-zwieg taghha u min-naha tal-konvenut, ghalih kienet komda li jghix minn fuq dahar il-genituri tal-attrici. Izda xorta wahda huma ghamlu ftit zmien flimkien ghaliex regghu iggieldu. Anke' meta l-attrici ippruvat tmur tghix mal-konvenut wahedhom gewwa appartament f'Bugibba, l-konvenut ma bidilx hajtu u xorta baqa' jghix il-hajja ta' guvni johrog tard u ihalli lill-attrici wahedha bit-tarbija, tant illi din il-koabitazzjoni damet biss erba' xhur.

Illi l-Qorti ghalhekk mill-assjem tal-provi ma ghandha l-ebda dubbju illi l-kunsens tal-konvenut kien totalment

simulat u dana peress li fil-mument tal-ghotja tal-kunsens matrimonjali huwa kien qieghed jeskludi iz-zwieg bhala kuntratt fit-totalita' tieghu. Dan ghalih kien biss zwieg ta' konvenjenza.

Illi fir-rigward tat-tieni talba attrici u cioe' t-talba sabiex il-Qorti tiehu il-provvedimenti kollha rigward il-minuri *a tenur* tal-**artikolu 20 ta'l-Att Dwar iz-Zwieg**, inkluz il-likwidazzjoni tal-manteniment pagabbli lilha mill-konvenut, ghandu jinghad illi l-attrici ma resqet l-ebda prova in sostenn tat-tieni talba taghha ghal dak li jirrigwarda l-introjtu tal-konvenut, pero' xorta wahda din il-Qorti tista' taghmel is-segwenti osservazjonijiet.

Illi jidher illi l-minuri qieghda tghix mal-omm, izda ma hemmx provi rigward jekk l-missier huwiex juri nteress f'bintu jew inkella rigward l-introjtu tal-konvenut minn x' impieg. Il-Qorti lanqas biss ghandha prova illi fil-fatt l-konvenut qieghed jahdem

Illi madanakollu l-attrici ghandha certament ikollha l-kura u l-kustodja ta' bintha u dana l-Qorti tista' tasal biex tikkonkludieh mill-assjem tal-provi prodotti minn fejn jirrizulta illi l-konvenut lanqas kien juri nteress f'bintu fil-perijodu meta l-kontendenti kienu ghadhom flimkien ghaliex kien iktar iqatta' l-gurnata rieqed.

Illi mill-konkluzzjonijiet raggunti *inoltre*, il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi l-konvenut ghandu jigi ikkundannat ihallas il-manteniment lill-attrici u dana ghal hames snin li gejjin u dana peress illi kien il-konvenut li kien in *mala fede* u ghalhekk l-Qorti ghandha tikkomina kontra tieghu dak ipprovdut fl-**artikolu 20 ta'l-Att Dwar iz-Zwieg**. Madanakollu l-Qorti ma tistax tasal biex tistabilixxi l-*quantum* tal-manteniment *stante* illi provi f'dan ir-rigward ma ingiebux.
Illi ghalhekk mill-kumpless tal-provi prodotti jirrizulta illi t-talba attrici ghandha tigi milqugha u dana *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u dana peress illi l-kunsens tal-konvenut u ta' l-attrici kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, l-attrici ghaliex kienet

infattwata fuq il-konvenut, u min-naha tal-konvenut peress li certament dan kellu nuqqas ta' deskrizzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq l-obbigi minnu naxxenti peress li ma kienx kapaci u lanqas dispost li jerfa' r-responsabbiltajiet taz-zwieg, kif ukoll peress illi l-kunsens tal-attur kien ivvizjat b'simulazzjoni totali. Illi anke' it-tieni talba attrici ghandha tigi milqugha fid-dawl madanakollu tal-konsiderazzjonijiet maghmula iktar 'il fuq f'dan ir-rigward.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fir-Registru taz-Zwiegijiet ta' Malta, fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru 1992 huwa null u bla effett abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut skond iz-zewg subartikoli u lill-attrici abbazi ta' l-ewwel subartikolu hawn indikat u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relativ;

2. Tafda l-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri Kyra Khalil f'idejn l-atttrici u tiddikjara li abbazi ta' l-**artikolu 20 tal-Kap 255,** tiddikjara li l-konvenut kien *in mala fede,* u huwa obbligat li jhallas manteniment ghall-attrici abbazi tal-perjodu ta' hames snin indikati fl-istess Att, izda minhabba nuqqas ta' provi tali retta alimentari ghall-attrici ma' tistax tigi likwidata f'din id-decizjoni.

BI-ispejjez kollha kontra l-istess konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------